Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,570, 30 ta' Jannar, 1998
Taqsima B

A.L. 29 ta' l-1998

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti ta' l-1998 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' Master of Philosophy - M.Phil.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ippromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu u interpretazzjoni

1. Dawn ir-Regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1998 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' Master of Philosophy - M.Phil. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1992 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Philosophy (M.Phil.) li minn hawn 'l quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

Applikabilita'

2. (1) Ir-Regolamenti 3 u 5 għandhom japplikaw minn Mejju 1995 'l quddiem.

(2) Ir-Regolament 4 għandu japplika minn Mejju 1996 'l quddiem.

Emenda għar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandhom jidħlu dawn li ġejjin:

"2. (1) Jistgħu japplikaw għall-Kors li jwassal għall-Grad ta' Master of Philosophy - M.Phil. - dawk il-kandidati li jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-dħul skond l-Ordinamenti relattivi.

(2) Applikazzjonijiet mingħand kandidati li jkollhom kwalifiki ta' esperjenza eċċezzjonali u li minkejja li l-kandidati m'għandhomx il-kwalifiki

msemmija fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament jistgħu jiġu kkunsidrati wkoll.

Sakemm l-applikazzjonijiet sottomessi skond il-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament ikunu aċċettati biss wara l-approvazzjoni tas-Senat fuq il-parir tal-Kumitat tal-Ph.D. tas-Senat maħtur skond ir-regolament 3 tar-Regolamenti għall-Grad ta' Doctor of Philosophy (Ph.D.)."

Emenda għar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali

4. Minflok il-paragrafi (1) u (2) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandhom jidħlu dawn li ġejjin:

"3. (1) Kandidat li jissodisfa r-rekwiżiti tad-dħul għandu japplika lill-Bord tal-Fakulta' jew tal-Istitut għall-permess biex jirreġistra għall-Grad. Il-kandidat għandu:

(a) jagħti d-dettalji dwar ix-xogħol ta' riċerka propost; u

(b) iġib rakkomandazzjoni bil-miktub li dan ix-xogħol jista' jsir mingħand persuna li hi direttament konċernata fit-tmexxija ta' l-istituzzjoni, laboratorju jew *unit* klinika fejn hemm il-ħsieb li jsir ix-xogħol ta' riċerka.

(2) L-applikazzjoni ta' kandidat trid tkun l-ewwel aċċettata mill-Bord tal-Fakulta' jew tal-Istitut qabel ma tiġi sottomessa għall-approvazzjoni tas-Senat li jimxi fuq il-parir tal-Kumitat imwaqqaf skond it-termini tar-regolament 3 tar-Regolamenti għall-Grad ta' Doctor of Philosophy (Ph.D.). Meta jirrikmanda l-applikazzjoni ta' kandidat il-Bord tal-Fakulta' jew tal-Istitut għandu jinnomina superviżur għax-xogħol ta' riċerka propost."

Emendi għar-regolamenti 4, 5, 11 u 12 u għall-paragrafu (1) tar-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali

5. Minflok ir-regolamenti 4, 5, 11 u 12 u l-paragrafu (1) tar-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali għandhom jidħlu dawn li ġejjin:

"4. Kandidat li jkun aċċettat biex jirreġistra għall-Grad jeħtieġlu jgħaddi mhux inqas minn ħmistax-il xahar iżda mhux aktar minn erbgħa u

għoxrin xahar wara r-reġistrazzjoni fi studji u riċerka *full-time* fis-suġġett magħżul.

5. Kandidat jista', bil-kunsens tal-Bord tal-Fakulta' jew tal-Istitut, jissodisfa r-rekwiżiti tar-regolament 4 permezz ta' studju jew riċerka *part-time*, sakemm il-kandidat jagħmel dan f'mhux inqas minn tletin iżda mhux aktar minn tmienja u erbgħin xahar fi studji u riċerka *part-time* fis-suġġett magħżul.

11. Wara li jeżamina t-teżi, il-Bord ta' l-Eżaminaturi jista' jirreferiha lura lill-kandidat biex jirrevediha. F'każijiet bħal dawn, il-kandidat għandu japplika lill-Bord tal-Fakulta' jew tal-Istitut għall-permess biex jissottometti t-teżi riveduta għall-eżami. Il-Bord tal-Fakulta' jew tal-Istitut għandu jkun iggwidat fid-deċiżjoni tiegħu mir-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' l-Eżaminaturi iżda fil-każijiet kollha t-teżi riveduta għandha tkun sottomessa għall-eżami fi żmien sitt xhur minn meta t-teżi oriġinali kienet riferuta lura lill-kandidat. Permess bħal dan jingħata darba biss.

12. Kandidat li jonqos li jissodisfa lill-Bord ta' l-Eżaminaturi fl-eżami orali jista', fid-diskrezzjoni tal-Bord u bil-permess tal-Bord tal-Fakulta' jew tal-Istitut, jkun eżaminat oralment mill-ġdid fi żmien perijodu ta' sitt xhur. Permess bħal dan jingħata darba biss.

13. (1) Kandidat għall-Grad jista', wara li jtemm tnax-il xahar ta' xogħol *full-time*, japplika biex jirreġistra għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - bl-istess proġett. Il-Bord tal-Fakulta' jew tal-Istitut għandu jikkonsidra applikazzjoni bħal din u jagħmel ir-rakkomandazzjoni tiegħu permezz tal-Kumitat tal-Ph.D. lis-Senat, wara li jikkonsulta lis-superviżur."